**X’qalb kbira għandek**

Hijiex pastina
Inkella demgħa,
B’kull mezz jew b’ieħor
Mħabbtek tinstema’.

Ma nafx imma naf
li kif titbissem,
dawk ħlewwiet qalbek
Jkellmu l-imbikkem.

Tgħid għaliex oħti?
Forsi t-tbatija,
Li mbagħad daħlitek
F’dik l-apatija?

Tibżax int li tħobb
Ibqa’ ittama,
Fik hemm nixxiegħa
Għanja tat-tama.

Mgħożża tgħanniqtek
Kemm twassal ferħ f’ferħ,
U l-maħfra tiegħek
Hi mimlija serħ.

U ibqa’ tbissem
Fewwaħ kulfejn tkun,
Kun int id-duwa
Tal-muġugħ w ‘l-migdum.

Iżjed minn daqshekk
Mara m’hawnx bħalek,
Qassam għanietek
X’qalb kbira għandek!

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta’ Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.